

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2018/2062

tat-18 ta' Diċembru 2018

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/1/2018)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

- (1) Bis-saħħha tal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) hu awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fit-12 ta' Diċembru 2016, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2240 (²) estendiet il-mandat tal-Missjoni EUCAP NESTOR sal-31 ta' Diċembru 2018 u tatha l-isem ġdid EUCAP Somalia. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill issostitwixxet il-“Missjoni dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP Nestor)” bil-“Missjoni ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)”.
- (3) Fl-10 ta' Diċembru 2018, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1942 (³) estendiet il-mandat tal-Missjoni EUCAP Somalia sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (4) Fis-26 ta' Lulju 2016, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP NESTOR/1/2016 (⁴) li taħtar lis-Sa Maria-Cristina STEPANESCU bħala Kap ta' EUCAP NESTOR mill-1 ta' Settembru 2016 sat-12 ta' Diċembru 2016.
- (5) Fl-10 ta' Jannar 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP Somalia/1/2017 (⁵) li testendi l-mandat tas-Sa Maria-Cristina STEPANESCU bħala Kap ta' EUCAP Somalia mit-13 ta' Diċembru 2016 sat-12 ta' Diċembru 2017.
- (6) Fil-31 ta' Ottubru 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP Somalia/2/2017 (⁶) li testendi l-mandat tas-Sa Maria-Cristina STEPANESCU bħala Kap ta' EUCAP Somalia mit-13 ta' Diċembru 2017 sal-31 ta' Diċembru 2018.
- (7) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet li l-mandat tas-Sa Maria-Cristina STEPANESCU bħala Kap ta' EUCAP Somalia jiġi estiż mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Awwissu 2019,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sa Maria-Cristina STEPANESCU bħala Kap ta' EUCAP Somalia huwa b'dan estiż sal-31 ta' Awwissu 2019.

(¹) ĠUL 187, 17.7.2012, p. 40.

(²) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2240 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠUL 337, 13.12.2016, p. 18).

(³) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1942 tal-10 ta' Diċembru 2018 li testendi u temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (ĠUL 314, 11.12.2018, p. 56).

(⁴) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1633 tas-26 ta' Lulju 2016 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (EUCAP NESTOR/1/2016) (ĠUL 243, 10.9.2016, p. 8).

(⁵) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/114 tal-10 ta' Jannar 2017 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia/1/2017) (ĠUL 18, 24.1.2017, p. 49).

(⁶) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/2059 tal-31 ta' Ottubru 2017 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (EUCAP Somalia/2/2017) (ĠUL 294, 11.11.2017, p. 40).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħħ fl-1 ta' Jannar 2019.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

S. FROM-EMMESBERGER
